NEWSPAPER POST

# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Mejju - Ġunju 1988 Nru 42

*Il-Kelma ta' l-Arċipriet*

## "Oqgħod Attent!! Tafdax u Tħallilx"

Il-mod kif jirraġuna l-bniedem huwa misteru. Taħseb li ser jirraġuna mod, u ssib li twebbel mod ieħor. Tistenna li jaġixxi minnufih, u mbagħad tara li jdum ma jieħu azzjoni. Jinsisti fuq ħaġa, u jħalli ħaġa oħra, forsi iktar importanti, tgħaddi, mingħajr l-iċken ħsieb dwarha.

Kif kont iġġib ruħek kieku kellek tkun taf li f'darek daħallek xi ħadd? X'kont tagħmel, jekk għodwa waħda tittendi li żaruk il-ħallelin?

Jiena ċert li kont l-ewwelnett tara x'naqaslek. It-tieni, tara minn fejn ikunu setgħu daħlu; u imbagħad tara kif tagħmel biex issakkar sew, u tara li l-ebda aċċess ma jkun hemm għall-ħallelin meta jippruvaw jidħlu darba oħra. Barra minnhekk, toqgħod b'għajnejk miftuħa biex kif jgħid il-malti: tafdax u tħallix!

Dan hu atteġġjament ta' bniedem bil-għaqal, f'sensieh u ta' min ifaħħru.

Iżda, mhux dejjem naġixxu b'dan il-mod. Hemm ċirkustanza, meta nħallu ħallelin jidħlu f'djarna, nilqugħuhom fis-salott u nqattgħu siegħat twal magħhom, inħalluhom jagħmlulna kull xorta ta' ħsara, nafdawhom totalment, li jġorrulna ħafna mir-rikkezzi tagħna. U dan: bil-barka tagħna, u b'għajnejna miftuħa beraħ.

Kif jista' jkun?

Jista', mela le! Kemm programmi naċċettaw fuq it-TV tagħna? Kemm minnhom huma tajbin? Kemm minnhom qed jagħmlulna ħsara? Kemm minnhom qed jisquna l-velenu, ħelu ħelu, mingħajr anqas biss ma nittendu? Kemm minnhom qed joħolqulna mentalità divorzista, abortista, ecc? Kemm minnhom qed jgħammxuna bl-imħabba ħielsa u bla rażan? Kemm minnhom jinsġu innu lill-vjolenza, il-korruzzjoni, il-qerq?

Kemm teżori qed jinsterqulna minn tant għajnejna! Irrabta, u l-għaqda tal-familja qed tħallas qares għal dan kollu. U aħna qed nikkoperaw; anzi nkunu minn ta' l-ewwel li nippruvaw niġġustifikaw lilna nfusna billi ngħidu: "U b'Daqshekk!!!"

Kemm ħin ta' djalogu familjari ssagrifikajna biex noqgħodu mitlufa quddiem it-T.V. Kemm ħin ta' talb warrabna, għaliex ngħidu li ma għandniex ħin?

L-aħħar kelma għal dawk li jissellfu jew jikru videos li jistħu jarawhom quddiem uliedhom jew ġenituri tagħhom; quddiem marthom, ecc. Tħallux lil dawn il-ħallelin, mhux biss jisirqukom, iżda joqtlukom......

Oqgħodu attenti! Tafdawx! Alla għen lill-bniedem jiżviluppa dawn il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali biex permess tagħhom Alla jsir magħruf iktar. Kull programm li ma jressqekx lejn Alla, hu programm ta' min jaħarbu, u ta' min jindokra lilu nnifsu minnhu.

## Il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' SAN ĠORĠ ta' Għawdex tmur lura qabel is-Sena 1809

F'dawn l-aħħar jiem, is-Sur John Bezzina, bil-għajnuna li kiseb mingħand in-Nutar Dr. Eugene Montanaro, President tal-Banda La Stella, Għawdex, ħareġ studju qasir dwar il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li toħroġ mill-Bażilika tagħna.

Minn dan l-istudju sar magħruf li din l-imsemmija purċissjoni kienet teżisti żgur fl-1809 u x'aktarx qabel ukoll. Din kienet tieħu ħsiebha l-Fratellanza ta' Ġesù Marija, imwaqqfa fl-istess Knisja. Din il-Fratellanza kienet tħallas skud lit-tamburier għas-servizz tiegħu f'din il-purċissjoni, kif ukoll ħames skudi għall-ħames fervorini li kienu jsiru waqt ħames waqfiet li l-Purċissjoni kienet tagħmel, x'aktarx quddiem San Ġakbu, Savina, Sant Wistin, San Franġisk u San Ġorġ.

F' dan l-istudju issemma ukoll dak li hemm miktub fl-Atti tan-Nutar Leopoldo Battajelle tad-19 ta' Ġunju 1794. Hawnhekk insibu li l-Fratellanza ta' Ġesù Marija kienet tieħu ħsieb statwa tad-Duluri, differenti min dik li fl-1806 kienet saret għal Knisja ta' San Ġakbu.

Peress li l-ispazju ma jippermettilniex inġibu dan l-istudju kollu, nistiednu lil min hu interessat sabiex jakkwista kopja tiegħu mill-Uffiċċju Parrokkjali.

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ, Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

### *Membri Ġodda fil-Komunità Parrokkjàli*

5.3.88:
DIANE, bint Joseph Borg u Angela nee' Attard.
5.3.88:
MIGUELA, bint George Portelli u Maria nee' Borg
6.3.88:
MICHAEL-GEORGE, iben Joseph Attard u Frances nee' Scicluna
13.3.88:
DIANNE, bint George Attard u Georgina neè Attard
29.3.88:
GEORGE, iben Emanuel Attard u Josephine nee' Camilleri
9.4.88:
DAVID, iben Saviour Farrugia u Gloria neè Masini
10.4.88:
MARIA, bint Robert Mallia u Josephine nee' Galea
26.4.88:
FRANKIE, iben George Formosa u Gesualda neè Attard

**Marru jiltaqgħu mal-Ħallieq:**

8.3.88: Catherine Vassallo
18.3.88: Ġużeppi Cassar
26.3.88: Carmela Debattista
26.3.88: Giovanni Grima
13.4.88: Ġużeppa Buhagiar
14.4.88: Giovanni Cutajar

**Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ:**

6.3.88: Mario Grech (Nadur) u Marie Louise Gatt
3.4.88: Joseph Gatt u Orietta Schembri
23.4.88: John Sultana (Għ'Sielem) u Margaret Saliba

### *Donazzjonijiet għar-RIVISTA*

N.N. (Awstralja) 20 Aus.$
Ġorġ Bonavia (Kanada) 10 Can. $
Carmelo Farrugia (Awstralja) 20 Aus. $
Joseph Grech (Awstralja) 20 Aus. $
Kan. Coronato Grima Lm1

### ĦINIJIET TAL-QUDDIES FIL-GĦAXIJA

**ĦDUD U FESTI:** 5.00 p.m., 6.30 p.m.
**MATUL IL-ĠIMGĦA:** 5.30 p.m., 7.00 p.m.

**ASTRA TOURS**
*L-Isbaħ Divertiment*
*għas-Sajf li Ġej*

*Editorjal*

# Il-Kungress tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla 1989

Nhar il-Ħadd 17 t'April 1988, fl-egħluq tal-25 Kungress tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla, li sar fil-Parroċċa tan-Nadur, tħabbar li l-Kungress li jmiss ser issir fil-Belt Victoria, fil-Parroċċa tagħna u f'dik tal-Kattidral flimkien.

Huma ħafna dawk li anqas biss jiftakru meta kien sar Kungress simili fil-Belt Victoria. Għalhekk kienet għażla tajba minn naħa tal-Kumitat tax-Xirka li l-Kungress li jmiss isir fiż-żewġ parroċċi tar-Rabat. Il-Kungress tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla kien sar fil-Belt Victoria, nhar il-21 ta' Settembru 1952.

Forsi jkun hawn min jistaqsi: x'inhu l-iskop ta' dawn il-Kungressi tax-Xirka? Aktar mill-Kungress innifsu li jsir f'data partikulari s-sena d-dieħla, l-iskop tax-Xirka hu li matul il-ġimgħat ta' qabel il-Kungress, fil-parroċċa fejn ser ikun isir titqajjem kuxjenza kontra d-dagħa u jsir tagħlim dwar il-kobor u s-sbuħija ta' l-Isem Imqaddes t'Alla. Għax, ngħiduha kif inhi, xi skop hemm li jkollok manifestazzjoni kbira dak in-nhar tal-Kungress, jekk il-Komunità Parrokkjali kollha ma tkunx ġiet imqanqla biex tirrealizza u tifhem kemm hu ikreh id-dagħa?

Għalhekk, tajjeb li fil-parroċċa tagħna nibdew mil-lum inħejju ruħna għal dan il-Kungress tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla. Dan nistgħu nagħmluh billi l-ewwelnett nitolbu l-għajnuna t'Alla ħalli din il-ħidma tħalli l-frott spiritwali mixtieq u it-tieni, meta nkunu mitluba, ma nibqgħux lura li nagħtu s-sehem tagħna f'dak kollu li jiġi organizzat fl-okkazjoni ta' dan il-Kungress.

## *JUM SAN ĠORĠ*



*Mr. Hitch jidher jagħmel diskors ta' l-okkażżjoni.*

Jum San Ġorġ kien ċelebrat fil-Bażilika tagħna bis-solennità kollha b'Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija minn Mons Isqof. Wara saret ikla fl-Auberge ta' Frenc li għalija kien mistieden Mons Isqof kif ukoll il-Kummissarju Għoli Ingliż Brian Hitch u s-Sinjura tiegħu flimkien ma' Mons Salvu Borg, l-Arċipriet u Dr. Eugene Montanaro, President Onorarju tal-Banda La Stella. Il-Kumissarju Għoli Ingliż rringrazzja lill-Ladies' Society li stednitu għal din l-ikla u wera x-xewqa tiegħu li fl-ewwel żjara li jagħmel f'Għawdex iżur il-Bażilika tagħna.

## DON BOSCO il-Qaddis tat-Tbissima



*Mitt Sena Mejjet u għadu ħaj!!*
*1888 - 1988*

## Marija Domenika Mazzarello u Censa l-Mewt

Maria Domenika Mazzarello kienet l-ewwel soru superjura Salesjana. F'qasir il-għomor kienet ittieħdet fi xbubitha bil-marda tat-tifu, meta marret iddur b'niesha morda, u ħallietha bla saħħa.

Fl-età żgħira ta' 44 sena ħadet ċmajra, waqt li kienet qed iżżur lis-sorijiet tagħha fi Franza, u ntefgħet f'qiegħ ta' sodda, fil-kunvent tagħhom ta' Nizza.

Don Bosco inzerta qed iżur lis-Salesjani tiegħu fi Franza u sar jaf li din Madre Mazzarello kienet marida gravi, u mar jaraha. Hi ferħet bih ħafna, u staqsietu jekk Alla jridhiex tfiq biex tkompli taħdem għalih. Don Bosco ma tatux qalbu li jgħidilha le ċar u tond. u allura qalilha storja.

"Madre", qalilha, "darba Censa l-mewt marret tħabbat mal-Bieb tal-Kunvent tas-Sorijiet, u fetħitilha s-soru purtinara. "Imxi miegħi", qaltilha l-Mewt. Imma l-purtinara ma riditx tmur, għax qalet li kellha ħafna x'tagħmel, u li fil-kunvent ma kien hemm ħadd li jista joqgħod f'postha.

Allura Censa l-Mewt baqgħet dieħla l-Kunvent, u ma' kull soru li bdiet tiltaqa' bdiet tgħidilha:
"imxi miegħi". Imma s-sorijiet kollha qalu li kellhom x'jagħmlu ħafna, u li ma setgħux jitilqu xogħolhom għalissa.

Il-Mewt waslet fl-Uffiċċju tal-Madre Superjura, u anke lil din għamlitilha l-istess stedina biex tmur magħha, u l-Madre ukoll wieġbet bl-istess tweġiba ta' l-oħrajn, li m'hemm ħadd li joqgħod f'lokha. Iżda din id-darba l-Mewt żammet iebes. "Is-Superjura", qaltilha Ċens l-Mewt, "għandha tagħti l-eżempju u tobdi. Mela, ħalli kollox u imxi miegħi!", u l-povra Madre kellha tbaxxi rasha, u.....titlaq."

Madre Mazzarello fehmitha l-istorja. U hija ukoll baxxiet rasha u telqet għall-ġenna. Kien 14 ta' Mejju 1881.

## *ROKNA GĦAT-TFAL*

Għeżież tfal,

Illum nixtieq nifraħ lil dawk it-tfal li f'dawn l-aħħar jiem irċivew l-Ewwel Tqarbina jew is-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof.

Ħalli l-ewwel ngħid kelma lit-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina. Min jaf kemm kontu ferħanin dak in-nhar! Libsin l-abjad minn fuq s'isfel, speċjalment il-bniet, u s-subien xejn inqas eleganti u puliti minnhom. Ruħkom kienet bajda daqs is-silġ dak in-nhar, u hekk għandi nifhem li bi ħsiebkom iżżommuha fil-ġejjieni, Issa, Ġesù jistenna minnkom li tobdu iżjed, taqdu dmirijietkom sewwa, tibqgħu tmorru d-duttrina, ma tagħmluhiex ma kumpanija ħażina. ma tgħidux kliem b'ieħor jew kliem li ma jixraqx lill-tfal bħalkom. U, fuq kollox, Ġesù jistenna li l-quddiesa ma tfalluha qatt u li tirċevuh f'sidirkom kuljum U tinsewx! Meta tkunu se titqarbnu, agħmlu dan bl-ikbar qima u rispett. Qisu li tħejju ruħkom tajjeb qabel tersqu biex titqarbnu. Qisu wkoll li wara li titqarbnu, toqgħodu titkellmu ftit ma' Ġesù, l-aqwa ħabib tagħkom, u troddulu ħajr ta' l-imħabba kbira li jħobbkom.

U issa kelma lil dawk li għamlu l-Griżma ta' l-Isqof. Intom tafu li issa m'għandkomx tfal. Il-Knisja issa tgħoddkom bħala kbar u tqiskom daqs l-irġiel u n-nisa. Intom illum sirtu adulti. Tifhmu tajjeb lil min irċivejtu dak in-nhar. Fuqkom niżel l-Ispirtu s-Santu li jrid idawwalkombiex tgħixu ħajja spiritwali mill-aħjar u timxu fit-triq it-tajbà. Ħajja spiritwali tajba titlob minnkom il-qadi sewwa ta' dmirijietkom kollha, mingħajr eċċezzjoni. Waqt li taħarbu dak kollu li jista' jġagħalkom tweġġgħu l-qalb t'Alla, tagħmlu dak kollu li tistgħu u tfittxu dejjem li twettqu dak biss li huwa tajjeb u li jogħġob lilu. Qisu li ħajjitkom tkun taqbel ma' dak li tgħidu u tistqarru li temmnu. Mhux biss. Qiss li bil-ħajja li tgħixu tkunu dejjem u kullimkien ta' eżempju tajjeb lil kulħadd. Tfal, ridt ngħidilkom ukoll, qabel ma nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi lilkom, li meta niltaqgħu darb'oħra, tkun waslet il-festa tal-Patrun tagħna San Ġorġ. Tajjeb, għalhekk, li minn issa nibdew nitħejjew u naħsbu x'nistgħu nagħmlu din is-sena fil-festa għażiża tagħna, biex nogħġbu lil Martri ta' Kristu, San Ġorġ.

*Tata'*
*Iz-Ziju Peppi*

## Il-Banda La Stella fir-Rabat, Malta.

Fid-19 ta' Marzu li għadda l-Banda Cittadina La Stella kienet mistiedna tieħu sehem fil-festi speċjali ta San Ġużepp li saru fir-Rabat, Malta, fl-okkażjoni ta' egħluq il-25 sena mill-inkurunazzjoni tal-istatwa tal-qaddis. Il-Banda tat is-sehem tagħha f'din il-festa billi ngħaqdet mal-Banda L'Isle Adam f'Marċ Kbir li sar kmieni wara nofs in-nhar, u aktar tard għamlet Marċ ieħor mat-toroq ċentrali tar-Rabat. Waqt il-ħruġ tal-purċissjoni l-Banda, li kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Joseph Vella, esegwiet l-Innu lil San Ġużepp. Ġemgħa sabiħa ta' partitarji akkumpanjaw lill-Banda f'din il-mawra f'Malta.

# MARIJA OMM ALLA

*Ġabra fil-qosor tar-riflessjonijiet li għamel* ***Dun Ġużepp Farrugia S.Th.D.****, għalliem tat-Teoloġija Dommatika fis-Seminarju, f'waħda mill-konferenzi dwar il-Verġni Marija li l-Parroċċa tagħna organizzat fl-okkażjoni tas-Sena Marjana.*

Fl-**Istqarrija tal-Fidi** li l-komunità · ekkleżjali b'leħen għoli ttenni fil-Ħdud u fis-Solennitajiet Liturġiċi, jinsabu miġbura l-veritajiet l-aktar fondamentali tal-fidi tagħna. **Il-Kredu,** infatti, huwa **ġabra konċentrata tal-misteri tal-fidi** li kull kandidat għall-Magħmudija għandu jħaddan sabiex ikun jista' isir membru tal-Knisja, u jrid jibqa' jħaddan sabiex jibqa' membru ħaj tagħha. Iżda, jekk ikollna nfittxu l-qofol ta' dawn l-misteri ta' fidi nisranija ċertament li jkollna nieqfu fuq il-kelmiet: Nemmen....**f'Mulej wieħed Ġesù Kristu, Iben waħdieni t'Alla (li) niżel mis-smewwiet għalina l-bnedmin u għall-fidwa tagħna (u) ħa l-ġisem bis-setgħa ta' l-Ispirtu s-Santu, twieled minn Marija Verġni u sar bniedem** *(Simbolu ta' Nicea).*

Din il-verità, li hi l-pedament u ċ-ċentru tal-ħajja tagħna, iġġibna mill-ewwel f'kuntatt ma' **Marija,** iddaħħalna mill-ewwel fil-preżenza ta' **dik il-mara li minnha Alla ried li fil-milja taż-żminijiet jitwieled Ibnu bħala bniedem.**

Hekku l-fidi tagħna, il-fidi li aħna l-insara qatt ma nehdew nistqarru: **Jiena nemmen f'Alla Wieħed... u f'Ġesù Kristu, Ibnu Wieħed Sidna, li kien ikkonċeput mill-Ispirtu s-Santu, twieled minn Marija Verġni, bata....***(Simbolu ta' l-Appostli).*

Quddiem din il-vertà, dak in-nisrani li jkun jixtieq isaħħaħ il-fidi tiegħu dwar Marija, bir-raġun li jfittex il-Kelma t'Alla fil-Kotba Mqaddsa. Iżda, hawnhekk, hemm lesta għalih sorpriża! Il-qaddis teologu Tommaso di Villanova (1488-1543) ukoll fettex iktar tagħrif dwar Marija fil-kotba tal-Vanġelu u sab, b'sorpriża, li ftit wisq huwa t-tagħrif li jipprovdulna. *Għaliex* - jistaqsi - *l-Evanġelisti, li kitbu daqstant fit-tul dwar Ġwanni l-Għammiedi u l-Appostli, kitbu daqshekk fil-qosor u sommarjament l-istorja tal-Verġni Marija li, wara kollox, f'ħajjitha u fid-dinjità tagħha, tgħaddihom ilkoll?* Wara riflessjoni u talb, San Tumas *isibha* r-raġuni għal dan in-nuqqas ta' informazzjoni fit-tul dwar Marija fil-Vanġelu. Igħid: *Biex ikollna t-tagħrif kollu li neħtieġu dwar Marija biżżejjed il-kelmiet (li nsibu f'Mattew, Kapitlu 1, Vers 16): "minnha twieled Ġesù"... Dak kollu li nixtieqy nafu dwar Marija huwa mistur u miġbur f'dawn it-tliet kelmiet:* **minnha twieled Ġesù.** Dwar Marija wieħed **biżżejjed** jgħid li *hi Omm Alla.*

**X'Tgħallimna l-Knisja?**

Illum l-ebda nisrani ma joħlom li jmieri din il-verità l-aktar fondamentali dwar Marija. Kull nisrani, kattoliku u mhux, jaċċetta bil-qalb il-verità li *Marija Verġni hi Omm Alla.* Però mhux hekk kien dejjem!

Qrib il-bidu tas-seklu ħamsa, qamu fid-dinja nisranija ta' l-Orjent għadd ta' kwistjonijiet dwar din il-verità, tant illi nħass il-bżonn li jiġi mlaqqa' konċilju fil-belt ta' Efesu biex jirrisolvi l-kontroversja darba għal dejjem. Dal-konċilju ltaqa' fis-sena 431 u, waqt li kkundanna lil dawk li kienu qed jgħallmu ħażin il-veritajiet dwar Ġesù Kristu u l-Verġni Marija, **ipproklama solennament li l-Verġni**



**Mbierka hi tassew u għandha tissejjaħ "Teotokos", kelma Griega li tfisser Omm Alla.**

L-insara ta' Efesu tant ferħu b'dan it-tagħlim li, hekk kif xterdet l-aħbar tal-proklamazzjoni dommatika, ingħaqdu f'purċissjoni u flimkien mal-padri Konċiljari, b'għadd kbir ta' toroċ mixgħula f'idejhom, imxew fost il-kant u t-tifħir f'ġieħ Marija Verġni lejn is-santwarju tagħha fil-belt tagħhom. X'aktarx li din kienet l-ewwel purċissjoni *aux flambaux* li qatt saret ad unur ta' Marija Omm Alla.

**X'Nifhmu meta ngħidu Omm Alla?**

Il-misteru tal-Maternità ta' Marija huwa marbut mal-misteru ta' Ġesù Kristu. Hija r-rabta li Marija għandha ma' Ġesù li tgħidilna *min* hi Marija. Jekk Marija għal Ġesù hi Omm, irridu naraw minn hu dan Ġesù biex nifhmu *x'xorta ta' omm* hi Marija.

* Ġesù mhux bniedem li, meta kellu (ngħidu aħna) tletin sena, il-Verb t'Alla daħal fih biex permezz ta' dal-bniedem Alla juri ruħu u jqassmilna l-grazzja tal-fidwa. Kieku Marija kienet tkun, mhux Omm Alla iżda, **omm ta' bniedem straordinarju.**

* Ġesù **lanqas** hu xi ħadd li tnissel minn Ġużeppi u Marija, bħalma jitnissel kull bniedem ieħor, li, iżda, f'xi mumenti tad-disa' xhur tqala ġie possedut mill-Verb t'Alla u b'hekk it-tarbija li twieldet minn Marija kienet taħlita ta' bniedem u Alla. Kieku Marija lanqas kienet tkun Omm Alla iżda biss **mara li wildet (imma mhux nisslet) l-Iben t'Alla.**

* Ġesù **ma kienx** għaqda ta' żewġ persuni differenti, waħda divina u oħra umana, b'għemejjel daqqa purament divini (ta' Alla) u daqqa purament umani (ta' bniedem). Kieku Marija ma kienetx tkun Omm Alla iżda, sempliċement, **Omm il-persuna tal-bniedem fi Kristu (Kristotokos).**

Però x'tgħallimna l-Knisja? Il-Knisja tgħallimna li **Ġesù Kristu hu l-persuna waħda divina ta' l-Iben il-**

*jkompli p. 6*

# It-Tfal li rċivew l-Ewwel Tqarbina - l-Erbgħa 4 ta' Mejju 1988



*Abela Christian, Attard Anthony, Attard Jonathan, Borg Daniel, Buhagiar Manwel, Cassar Joseph, Cassar Michael, Cassar Raymond, Cremona Antoine, Cremona Robert, Farrugia Christopher, Farrugia Etienne, Farrugia Oliver, Fenech Frank, Formosa Aaron, Grech Etienne, Portelli Neville, Mifsud Jimmy, Sacco Justin, Saliba Mario, Schembri Tonio, Vella David, Vella Robert.*



*Attard Alexia, Attard Jaclyn, Attard Lorraine, Attard Louise, Attard Maria Giovanna, Attard Roberta, Bajada Vanessa, Bongailas Patricia, Borg Romina, Buttigieg Christiana, Camilleri Tiziana, Cauchi Annabelle, Cauchi Laura, Cremona Denise, Cremona Jolyne, Formosa Daniela, Galea Karen, Grech Maria, Grech Simone, Sacco Liliana, Spiteri Mariella, Vella Edwina, Xuereb Antoinette, Xuereb Mariella, Zammit Antonella,*

# It-Tfal li rċivew il-Griżma ta' l-Isqof - Il-Ħamis 5 ta' Mejju 1988



*Apap Mauren, Aquilina Pamela, Attard Carmen, Attard Jeanette, Attard Jennifer, Attard Julie, Camilleri Elizabeth, Camilleri Tiberia, Cardona Clotilde, Caruana Francine, Cassar Elizabeth, Cassar Mariella, Farrugia Gracie, Farrugia Stefania, Galea Marie Georgette, Galea Jennifer, Gauci Marla, Grech Maria, Mercieca Lisa Anne, Portelli Nadienne, Portelli Sharon, Rapa Markita, Rapa Rose Mary, Scerri Patricia, Sciclunа Marika, Vella Marietta, Vella Mary Anne, Zammit Daniela.*



*Attard George, Axiaq Michael, Buttigieg Silvio, Buttigieg Tony Camilleri Alessio, Cassar Jesmond, Cutajar, George, Farrugia George, Formosa Joe, Formosa Joseph, Galea Tony, Grech Aaron George, Mercieca James, Mizzi George Frank, Rapa Careml, Sagona Mark, Said George, Said Stefan George, Spiteri George, Zammit Frankie, Zammit James.*

## Għotja ta' PJANETA Rrakkmata lill-Parroċċa Tagħna



Fl-okkażżjoni tas-Sena Ċentenarja mill-mewt ta' San Ġwann Bosco, Dun Charles Cini SDB, Delegat Mondjali tal-Konfederazzjoni ta' l-Ex-Allievi ta' Don Bosco, irregala pjaneta rakkmata bid-deheb lill-Bażilika tagħna. Din il-Pjaneta li ġiet maħduma mid-Ditta Ghezzi ta' Ruma, jidher impinġi fuqha ix-xbieha ta' San Ġwann Bosco u ta' Marija Għajnuna ta' l-Insara, kif jidher mir-ritratt li qed nippubblikaw.

F'isem il-komunità parrokkjali kollha nroddu ħajr lill-Fr. Charles Cini għal dan ir-rigal sabiħ li ser jibqa' jfakkarna kemm fir-rabta li l-Parroċċa tagħna ta' San Ġorġ dejjem kellha ma' Don Bosco, kif ukoll fil-festi ċentinarji f'għeluq il-mitt sena mill-mewt ta' dan il-kbir qaddis.



**Waħdieni ta' Alla li, bla ma naqqas u lanqas żied ma' dak li kellu, sar bniedem, billi twieled minn Marija Verġni. Il-Knisja tgħallimna li, Marija hija l-Omm ta' l-Iben il-Waħdieni ta' Alla, li hu daqs Alla, u għalhekk il-maternità tagħha hija maternità qaddisa, verġinali u divina.**

**Maternità Qaddisa**

Il-maternità ta' Marija hija **maternità qaddisa** għax il-*persuna* ta' Marija hi qaddisa (mimlija bil-grazzja), *l-istat* tagħha hu stat qaddis (verġni) u *l-għemil* tagħha hu qaddis (ta' fidi, ta' umiltà, ta' mħabba l-iktar perfetta). Dawn il-veritajiet jidhru fil-kwadru bibbliku tat-Tħabbira ta' l-Inkarnazzjoni mill-anġlu (Lq. 1,26-38)

Dwar il-qdusija ta' Marija xi teoloġi qalu: *Tant kienet perfettament qaddisa Marija li ma setgħetx ma ssirx hi Omm Ġesù.* B'dan, it-teoloġi ma riedux ifissru li l-qdusija ta' Marija kienet tant kbira li **bil-fors** Alla kellu jgħażel lilha b'Omm Ibnu, iżda li Marija tant ikkorrispondiet permezz tal-fidi tagħha għall-grazzja t'Alla li **kien xieraq** li tkun hi l-mara li tnissel u tagħti n-natura umana lill-Iben ta' Alla li ried jinżel mis-smewwiet għalina l-bnedmin u għall-fidwa tagħna.

*Qaddis* huwa li hu *ta' Alla,* Meta ngħidu li Marija hija perfettament qaddisa (għax bla tebgħa ta' dnub u mimlija bil-grazzja) inkunu qed ngħidu li **hi perfettament ta' Alla.** L-ebda maternità ħlief dik li hi perfettament qaddisa, jiġifieri, perfettament ta' Alla, ma tixraq lil Alla!

**Maternità Verġinali**

Il-maternità ta' Marija **hi mhux biss qaddisa, iżda wkoll verġinali.** B'dan nifhmu li Ġesù m'għandux missier bħalma għandu kull bniedem ieħor iżda *għandu biss omm umana* u n-natura umana ħadha *biss* mingħand ommu. Marija saret omm mhux bil-koperazzjoni ta' bniedem ieħor iżda bil-ħidma misterjuża ta' l-Ispirtu s-Santu, li mal-kunsens li hi tagħtu (Lq.1,38), żejjen il-verġinità tagħha bil-grazzja tal-maternità singulari li għamlitha Omm Alla.

Il-Knisja tgħallimna li Marija hija **verġni qabel it-twelid** ta' Ġesù - u għal dan jixhdu l-istess kelmiet tagħha f'Lq. 1,34, **fit-twelid** ta' Ġesù, **u wara t-twelid** tiegħu.

Il-Papa Piju XII, fid-dokument li bih ipproklama d-domma ta' l-Assunta, igħidilna li t-twelid ta' Ġesù "ma naqqas xejn mill-verġinità ta' Marija, anzi iktar ikkonsagraha".

Rigward il-verġinità tagħha *wara* t-twelid ta' Ġesù, xi wħud isibu diffikultà meta fil-Vanġelu jiltaqgħu mal-kelmiet "aħwa ta' Ġesù" (Mk.3,31). Hawnhekk wieħed għandu jkun jaf li fl-ilsien lhudi l-kelma "aħwa" terreferi għall-membri kollha ta' grupp familjari. Abraham lil Lot qallu: "Aħna aħwa" (Gen.13,8). Issa Lot kien in-nepputi ta' Abraham!

Meta nistqarru li Marija **mhux biss hi omm qaddisa iżda wkoll omm verġni,** aħna nkunu qed naffermaw li l-mod kif jagħmel l-affarijiet Alla huwa mhux biss **sorprendenti u nprevedibbli,** iżda wkoll **loġiku.** Infatti, il-verġinità hija *l-kundizzjoni meħtieġa* biex nistgħu ngħidu li Marija hi Omm Alla, u ma konna qatt naslu biex nistqarruha bħala tali li kieku ma ngħidux ukoll li l-maternità tagħha hi maternità Verġinali.

**Maternita Divina**

Il-maternita ta' Marija **hi mhux biss qaddisa u verġinali, iżda wkoll divina.** It-teoloġija klassika tiddeskrivi l-maternità ta' Marija bħala *Divina* għal tliet raġunijiet li huma fundati fl-hekk imsejjaħ *prinċipju tal-kawżalità.*

* Skond *il-kawżalità eżemplari:* Il-maternità ta' Marija hi divina għax hi "mudellata" fuq il-paternità divina ta' Alla: **Ġesù hu nisel Marija fiż-żmien, bħalma hu nisel Alla fl-eternità.**

* Skond *il-kawżalità efficjenti:* Il-maternità ta' Marija hi divina għax il-ħidma li permezz tagħha l-Verġni ta' Nazaret saret omm hija opra divina: **Ġesù twieled f'Marija bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu.**

* ***Skond*** *il-kawżalità finali:* Il-maternità ta' Marija hi divina **għax il-finalità, l-effett, il-frott tagħha hu t-Tieni Persuna Divina tat-Trinità Imqaddsa Magħmul Bniedem.**

Meta ngħidu li Marija Omm Alla ma nkunux qed ngħidu li Marija hi *omm id-Divinità* ta' Ġesù - Ġesù hu Alla minn Alla! Lanqas inkunu qed ngħidu li hi biss *omm l-Umanità* ta' Ġesù - Ġesù qatt m'hu umanità mifruda mill-persuna divina tiegħu. *Bħalma kull omm hi l-vera omm ta' uliedha sħaħ, u mhux biss ta' ġisimhom imma wkoll ta' ruħhom u tal-personalità tagħhom (li ma tagħtihomlhomx hi),* hekk Marija hi l-Omm ta' Ġesù *sħiħ,* **Omm il-persuna li jismu Ġesù u mhux biss omm il-Ġisem ta' Ġesù!**

Mela bid-dritt sħiħ ta' omm, Marija tista' tħares lejn Ġesù Binha u, bl-istess kelmiet li lissen il-missier fil-Magħmudija ta' Ibnu l-Waħdieni fil-Ġordan tgħidlu: "Inti Ibni l-għażiż; fik sibt il-għaxqa tiegħi" (Mk.1.11).

**Omm Alla u Ommna**

Hemm *ħafna aktar* x'jista' jingħad dwar il-verità misterjuża tal-maternità qaddisa, verġinali u divina tal-Verġni Mbierka.Il-frasi qasira **minnha twieled Ġesù** (Mt.1,16) tiġbor fiha *l-istorja kollha* ta' Marija u turi kemm din il-ħlejqa ta' Nazaret *hi 'l fuq minn kull kreatura oħra* fis-sema u fl-art.

Però inkunu nonqsu jekk nikkonkludu bla ma nagħmlu aċċenn għal dik li nistgħu nsejħulha **l-maternita doppja** ta' Marija. Għax Marija mhijiex biss Omm Alla iżda wkoll - bi grazzja kbira tagħna - **Ommna.** Il-kunsens tagħha lill-anġlu kien li **jkollha iben** kif ukoll li **ssemmieh Ġesù** għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom" (Mt.1, 21). Jiġifieri l-missjoni tagħha kienet li *tagħti n-natura umana lill-Iben il-Waħdieni ta' Alla,* kif ukoll li *tikkopera miegħu fl-opra tal-fidwa tagħna.* Issejħa tagħha kienet mhux biss li tkun **Omm il-Feddej,** iżda wkoll **Omm il-mifdijin.**

Dawn il-veritajiet meraviljużi jsawru l-qofol tal-fidi tagħna, huma ċ-ċentru tal-Kredu li ntennu tant darbi fl-assambleji liturġiċi tagħna, u jġibulna quddiem għajnejna mis-smewwiet u **ħa l-ġisem bis-setgħa ta' l-Ispirtu s-Santu, twieled minn Marija Verġni, u sar bniedem** għalina l-bnedmin u għall-fidwa tagħna.

************

*Ħsieb Marjan.*

# Marija Għajnuna ta' l-Insara

Saħħartni, Marija,
bil-ġmiel tat-tbissima
li tilgħab
fuq wiċċek sabiħ.

Ġennintni
kif rajtlek
fuq idek,
lil Ibnek Ġesù,
u donnok
qed tgħidli,
"Ħudu, dan Ibni
irid jiġi għandek!"

Qawwejtni
meta lmaħtlek
ix-xettru tas-setgħa
miżmum f'idek l-oħra;
u f'qalbi tennejt:
"Min jista għalija,
jekk b'sultana
u ħarriesa tiegħi,
jiena għandi lilek!"



O Ommi Marija,
għajnuna u tarka tiegħi,
kif int irbaħt
il-qalb dehbija
ta' dak is-saċerdot
ta' Becchi,
Ġwanni Bosco,
u għintu fil-ħajja,
u weżintu fil-hemm,
u hennejtu fin-niket,
u ħriġtu rebbieħ,
ftakar ftit fina,
u għinna,
farraġna,
qawwina,
saħħaħna
biex bħala insara
xhieda nagħtu
ta' Ibnek Ġesù
f'kull mument tal-ħajja tagħna.

## L-Ideal Home Exhibition

L-edizzjoni ta' din is-sena tal-Ideal Home Exhibition regħet ġibdet l-interess tal-pubbliku Għawdxi li ħonoq il-Kumpless tat-Teatru Astra matul it-tlett ijiem tal-fiera. Diversi oggetti ta' użu għall-mara tad-dar, bħal għamara, salotti, fridges, cookers, computers, xogħol taċ-ċeramika, pjanti, arloġġi, ikel, kotba u oħrajn ġew esebiti fil-Fiera li nżammet fil-25, 26 u 27 ta' Marzu. Fl-aħħar jum tal-Exhibition l-esebituri kienu l-mistiedna tal-Kumitat tal-Banda La Stella għal Standing Buffet li ngħata f'waħda mis-swali tal-Każin.

# *Il-Kopja tal-LIŻAR TA' KRISTU*

Mijiet ta' nies żaru l-Bażilika tagħna fl-okkażżjoni tal-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa biex jaraw il-Kopja tal-Liżar ta' Kristu li l-Parroċċa tagħna rrnexxielha takkwista minn Torin, fl-okkażżjoni ta' l-egħluq tal-140 sena minn mindu sar il-Kurċifiss, xogħol fl-injam ta' l-iskultur Pawlu Azzopardi.

Din il-Kopja tal-Liżar, li hija kopja fotografika fuq it-tila, tpoġġiet fuq l-artal ta' San Lazzru, flimkien ma' tifkira ta' meta din il-kopja ġiet imbierka mill-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II.

Mill-ġdid, minn dawn il-kolonni tagħna nixtiequ nroddu ħajr lill-Kan. Onor. Dun Ġużepp Borg li ħallas l-ispejjes ta' din il-kopja tal-Liżar u lill-Fr. Charles Cini S.D.B. li mingħajr l-għajnuna bla heda tiegħu ma kienx ikun possibbli li l-parroċċa tagħna takkwista din it-tifkira hekk għażiża.

Iktar 'il quddiem hu maħsub li din il-kopja tal-Liżar titpoġġa ġo frame adattat u titqiegħed għall-qima tal-pubbliku fl-Oratorju tal-Bażilika tagħna.



*Il-Fratelli tal-Fratellanza tal-Kurċifiss flimkien ma' l-Arċipriet, quddiem il-kopja tal-Liżar ta' Kristu.*

## Vestizzjoni tal-Fratelli fil-Fratellanza tal-KURĊIFISS

Nhar it-Tlieta, 22 ta' Marzu 1988 fil-Bażilika tagħna nżammet ċ-ċerimonja tal-Vestizzjoni tal-Fratelli ġodda fil-Fratellanza tal-Kurċifiss. Din il-Vestizzjoni saret waqt konċelebrazzjoni mmexxija minn Mons. Arċipriet. Saru fratelli ta' din il-Fratellanza erbatax-il raġel. Fl-okkażżjoni ta' din il-Vestizzjoni ħadu sehem ukoll il-Fratelli l-oħra ukoll. Din l-attività ġiet organizzata mill-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira.

Ftit tal-jiem wara, u eżatt, f'Ħamis ix-Xirka l-fratelli tal-Fratellanza tal-Kurċifiss għamlu flimkien il-Vista tas-Seba' Knejjes, u kienu akkumpanjati minn grupp sabiħ ta' nies.

Filwaqt li nħeġġu iktar irġiel u ġuvintur sabiex jinkitbu f'din il-fratellanza għażiża, irridu ngħidu ukoll li hemm il-ħsieb li ssir ċerimonja oħra ta' vestizzjoni f'Settembru li ġej, fl-okkażżjoni tal-Festa ta' l-Esaltazzjoni tas-Salib.

# L-Opra "AIDA" Fit-Teatru ASTRA

L-"AIDA", l-aqwa opra spettakolari ta' Giuseppe Verdi li tgawdi popolarità kbira ma' kull rokna tad-dinja, se tiġi preżentata fit-Teatru Astra. Dan tħabbar f'Konferenza tal-Aħbarijiet li l-Management tat-Teatru ta nhar it-Tnejn, 11 t'April 1988.

Rappreżentanti tal-Management għadhom kemm laħqu ftehim mal-Impresa Fasano ta' Ruma biex jippreżentaw din il-Grand Opera lejn tmiem dan l-istaġun. L-"AIDA" se tiġi mtella' darbtejn: l-ewwel rappreżentazzjoni tkun il-Ġimgħa 3 ta' ta' Ġunju, u t-tieni waħda l-Ħadd 5 ta' Ġunju.

Cast ta' kantanti internazzjonali se jinġieb Malta biex jieħu sehem fl-opra. L-istess jista' jingħad għax-xenarju kollu tal-opra, kif ukoll il-biċċa l-kbira tal-kostumi li lkoll se jinġiebu minn Ruma.

L-"AIDA" se tiġi mtella' f'Għawdex tlett xhur biss wara s-suċċess li t-Teatru Astra kiseb biż-żewġ opri ta' G. Donizetti 'L'Elisir D'Amore u "Lucia Di Lammermoor". Inkuraġġit mil-livell għoli li ntlaħaq, il-Management issokta jitfa' l-attenzjoni tiegħu fil-kamp operistiku u, wara trattivi twal mal-Impresa Fasano, li wkoll kienet responsabbli għaż-żewġ opri msemmija, iddeċieda li jtella' din il-ġmiel ta' opra bħala parti mill-programm ta' ċelebrazzjonijiet li qed ifakkar egħluq l-20 Sena mill-ftuħ tat-Teatru.

L-istess Kor tal-Opra tat-Teatru Astra li ħa sehem fiż-żewġ produzzjonijiet li għaddew se jieħu sehem ukoll fl-"AIDA". Din id-darba, iżda, il-Kor mistenni jkun saħansitra isħaħ minn qabel billi se jiżdiedu vuċijiet oħra ġodda.

Responsabbli mit-tagħlim tal-Kor għal darb'oħra se jkunu Mro John Galea, is-Sinjorina Maria Frendo u Mro Colin Attard.

L-Orkestra se tkun komposta minn madwar 70 mużiċist (uħud minnhom barranin) taħt id-direzzjoni għaqlija tas-Surmast Joseph Vella. Għas-Surmast Vella, din se tkun it-tielet opra tiegħu fit-Teatru Astra fi żmien tlett xhur, wara li fi Frar li għadd idderieġa wkoll l-"Elisir" u l-"Lucia". Ta' min igħid li Mro Vella jgawdi fiduċja sħiħa mid-direzzjoni tal-Impresa Fasano li lesta toffrilu kwalunkwe produzzjoni biex jiddereġieha, saħansitra barra minn Malta.

**Opra Grandjuża**

Meqjusa bħala l-aktar opra spettakoluża li qatt inkitbet, l-"AIDA" hija x'aktarx waħda mill-favoriti fost id-dilettanti tal-mużika klassika. Għall-Maltin, l-"AIDA" hija ikunsidrata bħala r-Reġina tal-opri, tant li bosta drabi ma jitilfux okkażjoni waħda li jarawha f'uħud mill-aqwa tejatri tal-Ewropa. Mhux biss f'Malta, iżda anke f'diversi pajjiżi barranin, l-"AIDA" issaħħar għal warajha saħansitra lil dawk li normalment ma jappreżżawx biżżejjed il-kant operistiku.

Fl-imgħoddi, l-"AIDA" ġiet ippreżentata f'Malta fit-Teatru Rjal u fir-Radio City Opera House. L-aħħar darba li saret f'Malta kien sewwa sew 30 sena ilu - fl-1958. F'Għawdex din hija l-ewwel darba li se ssir din l-opra grandjuża.

**Attrazzjoni Għat-Turisti**

Peress li l-"AIDA" ovvjament għandha tkun ta' attrazzjoni speċjaliu anke mal-eluf ta' turisti u barranin li jinzertaw Malta fl-ewwel ġimgħa ta' Ġunju, il-Management tat-Teatru Astra ħaseb biex jagħmel arranġamenti ma Aġenziji tal-Ivjaġġar sabiex dawn ukoll ikunu jistgħu jgawdu din l-opra. Il-Management għaldaqstant jistieden lill-Aġenziji din l-opra.

Management għaldaqstant jistieden lill-Aġenziji u t-Tour Operators kollha sabiex javviċinawh kmieni kemm jista' jkun bil-għan li tiġi organizzata Excursion Speċjali għal Għawdex fit-3 jew il-5 ta' Ġunju, u li mal-itinerarju tal-ġurnata tkun inkluża r-rappreżentazzjoni tal-opra "AIDA".

Il-Management jixtieq irodd ħajr lil diversi ditti lokali li ġentilment aċċettaw li joffru kontribuzzjonijiet ġenerużi b'risq din l-attività kulturali. Is-Central Bank of Malta, li din is-sena wkoll qed jiċċelebra egħluq l-20 Sena mit-twaqqif tiegħu, ta sehem konsiderevoli f'din l-entrapriża.



*Ambra Vespasiani*



*Ettore Nova*